MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Numru 1017/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**JURGEN CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jurgen Cassar ta’ 21 sena mwieled il-Pieta nhar it-30 ta’ Lulju 1985 bin Joseph u Georgina nee’ Felice residing at ‘Monreve’ Triq l-Ahwa Zammit, Qormi detentur ta’ karta tal-identita Nru. 428585M gie akkuzat:

Talli nhar il-21 ta’ Settembru 2006 ghall-habta ta’ 9.15 am harab mill-kustodja tal-pulizija waqt li kien mizmum gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u dan ai terminu tal-artiklu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli nhar il-21 ta’ Settembru 2006 gewwa Pjazza San Luqa G’Mangia ghall-habta ta’ 8.30 am u fl-istess data gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ghall-habta ta’ 9.30 am qal kliem sabiex jingurja jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna tal-membri tal-korp tal-pulizija inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzaghom u jew li jinfluwixxi fuqu kontra ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, jehel, u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli nhar il-21 ta’ Settembru 2006 ghall-habta ta’ 9.15 am gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli nhar il-21 ta’ Settembru 2006 ghall-habta ta’ 9.15 am kiser il-bon ordni u paci pubblika gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd);

U aktar talli nhar il-21 ta’ Settembru 2006 gewwa G’Mangia u kif ukoll f’diversi gimghat qabel saq vettura MAR880 tal-ghamla Toyota minghajr ma kienet licenzjata kurrenti sabiex tinstaq fit-triq u kif ukoll minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni u dan ai terminu tal-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f’kaz ta’ htija il-Qorti tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta’ zmien li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma’ l-imputat bhala li rrenda ruhu ricediv b’Sentenza tal-Qorti ta’ 27 ta’ Ottubru 2005 moghtija mill-Magistrat Dottor J. Padovani Grima LL.D. liema Sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MT3 u nnutat li l-imputat Jurgen Cassar m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr David Farrugia Sacco ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ammeljora hafna il-hajja tieghu u jidher li qabad it-triq it-tajba, di fatti ghandu familja u xoghol stabbli u konsegwentement ikun opportun li l-Qorti tikkunsidra l-possibbilta' li tordna Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat sabiex l-istess imputat ikun assistit biex jevita l-problema ta' abbuz mid-droga. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur u Dr David Farrugia Sacco ghall-imputat, b'referenza ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat dwar ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqu b'Sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr J. Padovani Grima LL.D. fis-27 ta' Ottubru, 2005, liema Sentenza hemm vera kopja taghha esebita fl-atti ta' din il-kawza bhal Dok AP1, talbu li l-Qorti tikkunsidra l-possibbilita' li testendi l-perjodu operattiv ta' l-istess Sentenza sospiza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 28A, 28B(2)(b), 151, 95, 338(ee), 338(dd) tal-Kap. 9, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jurgen Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u Dr David Farrugia Sacco ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, imkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imsemmi imputat Jurgen Cassar salv l-ahhar akkuza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Jurgen Cassar taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li l-imputat ikun assistit biex jevita l-problema ta' abbuz mid-droga u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Jurgen Cassar ghall-piena ta' Elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa u nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Jurgen Cassar, a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi t-terminu ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn moghti bis-Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005 per Magistrat Dr Jacqueline Padovani LL.D. (vera kopja ta' din is-Sentenza esebita fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok AP1) ghal perjodu ulterjuri ta' sentejn (2) millum.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Jurgen Cassar milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Jurgen Cassar.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Jurgen Cassar kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Jurgen Cassar bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Inoltre il-Qorti tat lill-imputat Jurgen Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------